Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 579/2012

Il-Pulizja

(Supretendent Raymond Aquilina)

Vs

Joseph Grima

Illum, 20 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 627939M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gzejjer, bejn Mejju 2006 u Mejju 2007, u fil-gimghat ta' qabel dawn id-dati, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B’ghemil zieni, kkorrompa lil persuna taht l-eta u *cioe’* lil A, minorenni ta’ tmien (8) snin, liema reat gie kommess ukoll bil-hsara tal-persuna li ma ghalqitx l-eta ta’ tnax –il sena u b’qerq;
2. Bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess minuri A kontra l-volonta taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni A;

4. Offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tas-7 ta’ Dicembru, 2012, fejn il-Qorti, ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati fin-Nota ta’ Rinviju tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Mejju, 2008, u senjatament l-Artikoli 17, 86, 87 (1) (g) u 203 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, u kkundannatu erba (4) snin prigunerija. *Stante* li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tar-raba’ (4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att, u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta’ din is-sentenza tigi kkomunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-minuri u tal-familja taghha fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni u dan sabiex tipprotegi l-identita’ tal-istess minuri.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti *inoltre* ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett (3) snin li jibdew jiddekorru mid-data li l-imputat jispicca jiskonta l-piena karcerarja fejn il-persuni protetti huma A, B u C.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti, fl-14 ta' Dicembru, 2012, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata, fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonferma in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza *stante* li din inghatat bhala alternattiva tal-ewwel akkuza, tikkonferma in kwantu ma sabitx lill-esponent hati tar-raba' mputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnha, filwaqt li fit-tieni lok thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u dan billi tilliberah minnhom u minn kull piena u mputazzjoni, pero f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija fir-rigward tal-ewwel u/jew tat-tieni mputazzjoni, l-esponent bil-qima jitlob li l-piena nflitta tigi varjata b'dan illi l-esponent jinghata piena inqas severa minn dik inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Grima huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-esponent ihossu aggravat kif l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi migjuba. Illi fil-fehma umli tal-esponent, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli kif inhu rikjesti fil-kamp penali u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi l-Ewwel Qorti tat kredibilita' shiha lill-verzjoni tal-minuri minkejja li kien hemm diversi cirkostanzi li jqajjmu hafna mistoqsijiet.

Illi fuq **<u>l-ewwel okkazzjoni</u>** fejn allegatament sar l-abbuz, il-minuri tghid li kienet qed tilghab ma' zewgt ihbieb taghha, D u E, u omm E, *cioe'* F waqala xi haga, aktarx hobza, u hi marret ghaliha. Skond il-minuri, F kienet bghatitha ggib dan l-oggett li waqa'

ghand l-esponent u hi marret. Skond il-verzjoni li l-minuri tat lil Lara Debattista ta' x'kien l-iskop li hi marret ghand l-esponent, il-minuri tghid li omm wahda minn shabha baghtithom b'xi hobza ghand l-esponent, u x'hin fetah il-bieb, shabha telqu, u hi baqghet hemm u dahlet gewwa. Skond hi, meta dahlet id-dar tal-esponent, hu dahhalha fil-kamra tal-banju, u messilha l-partijiet privati taghha. Hija tghid li damu fil-kamra tal-banju ftit mhux hazin. Illi ghalkemm il-minuri tghid li l-bieb kien imsakkar, huwa stramb kif ma ghamlet l-ebda sinjal biex turi d-dizapprovazzjoni taghha ghal tali sitwazzjoni. Anzi, skond hi, wara dak li gara, marret mal-esponent fil-kcina fejn taha pasta u skond hi qalilha biex ma tghid xejn dwar dak li gara. Illi l-esponent hawnhekk jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti tizen din ix-xhieda jekk ghandhiex mis-sewwa. **Huwa verosimili li persuna li tkun ghadha kemm giet abbuzata bil-mod deskritt mill-minuri, minflok tipprova tahrab 'il barra, issegwi lil min allegatament abbuza minnha fil-kcina?** Illi l-esponent minn dejjem cahad li fil-fatt ezistiet din is-sitwazzjoni u l-provi kollha jikkonducu li dak li qieghda tghid il-minuri huwa nverosimili. Illi *di piu'* in kontro – ezami, l-istess minuri spjegat **illi kieku ghajtet jew werzqet, hbiebha li kienu qed jistennewha barra kienu jisimghuha.** Madankollu minn dan ma jirrizulta li ghamlet xejn.

Illi kontradizzjoni ohra tirrizulta mix-xhieda ta' omm il-minuri, **B**, li xehdet fit-28 ta' Novembru, 2008, fejn qalet illi l-minuri qaltilha li l-esponent **nezzalha l-*panty***. Illi din il-haga, l-minuri qatt ma qalitha quddiem l-Ewwel Qorti, u dan certament mhux ghax insietha, izda **ghax qatt ma grat**. Illi l-verzjoni li taghti l-minuri ta' x'suppost gara m'ihiex wahda konsonanti, u dan huwa prova li dak li l-minuri tallega li gara fil-kamra tal-banju m'ghandux mis-sewwa. Illi l-minuri giet mistoqsija fit-tul dwar x'allegatament gara fil-kamra tal-banju, u fl-ebda mument il-minuri ma semmiet episodju daqshekk importanti li zgur ma setghetx tinsieh.

Ghalhekk, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni li d-diskrepanzi li rrizultaw huma '**minimi u pjuttost irrilevanti'**. Illi fatt bhal dan huwa mportanti hafna jekk sarx jew le meta l-esponent huwa rinfaccat bir-reat odjern.

Illi l-Prosekuzzjoni pproduciet bhala xhud lill-*pediatrician* Mariella Mangion li tghid li l-minuri qaltilha li l-esponent kien ghamel idejh taht hwejjigha u jdejh fil-*jeans* taghha, u messilha kemm sidirha u kemm il-parti taghha. Hi tkompli tghid li l-minuri ***'bdiet tghajjat, hekk, harbet u telqet 'il barra.'*** Illi dan kollu, jikkuntrasta bil-kbir ma dak allegat mill-minuri waqt id-deposizzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti, u ***cioe'* li ma setghetx tohrog mill-kamra tal-banju ghaliex kienet imsakkra.** L-istess japplika ghall-fatt li lit-tabiba qaltilha li ghajtet mentri quddiem l-Ewwel Qorti stqarret li ma kinitx ghajtet. Din hija **diskrepanza** ohra li l-Ewwel Qorti dehrilha li hija **minima u pjuttost irrilevanti**.

Illi l-esponent, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti terga' tgharbel sewwa d-diversi verzjonijiet li tat il-minuri ta' dan l-incident, liema verzjonijiet ma jittaljawx ma' xulxin u dan hu ndikattiv li l-istorja mhix kif qieghda tpingiha l-minuri u dan *stante* li dettalji mportanti, li zgur li kieku jibqghu cari f'mohh il-minuri kif qalet l-Ewwel Qorti, l-minuri hija nkonsistenti dwarhom.

Illi ghalhekk, l-esponent jissottometti illi bil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni zgur li l-mohh tal-gudikant ma jista' qatt jilhaq dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali biex l-imputat seta' jinstab hati tar-reati addebitati lilu fuq din l-allegata l-ewwel okkazzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti regghet tat kredibilita' shiha lill-verzjoni tal-minuri dwar it-tieni okkazzjoni meta sehh l-allegat abbuz. Illi dwar it-tieni okkazzjoni, l-minuri tghid hekk:

> ***Xhud***: *It-tieni darba kont fit-tarag u l-mummy baghtitni ghandu ghax kont ghadni lanqas ghidtilha, baghtitni ghandu ghal dan ghax dejjem, ghax il-mummy tieghi tpejjep, u dejjem tmur ghandu, ezempju meta jaraha joffrilha s-sigarett u hekk, u peress li mort ghandu, u huwa kellu.*
>
> ***Qorti***: *Halli titolbu sigarett.*

> ***Xhud**: Le ghax huwa kellu flixkun inbid u qalli: 'Trid minn dan il-flixkun?', u l-mummy qaltli: 'Mur gibu', u allura mort ingibu, u x'hin tlajt fit-tarag, wassalni sa nofs it-tarag, u beda jmissli l-**<u>private body ta' fuq biss</u>** minn fuq il-hwejjeg.'*

Illi l-esponent jaghmel referenza kemm ghar-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll ghax-xhieda ta' WPS 209 li xehdet li fil-verita **<u>ma hemmx tarag biex tidhol fir-residenza tal-esponenti</u>**. Illi filwaqt li huwa veru li fuq ir-residenza tal-esponenti hemm nies ohra jghixu, u li l-access ghalihom hu minn tarag minn barra, il-minuri u l-familja taghha ma kienux joqghodu fuq l-esponent u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghala l-minuri telghet l-istess tarag biex terga' tmur id-dar taghha. Kwindi hawn ukoll, ix-xhieda tal-minuri m'ghandhiex mis-sewwa. Imma ghall-Ewwel Qorti dawn kienu <u>diskrepanzi minimi u pjuttost irrilevanti</u>.

Illi *di piu*, l-iskop ghala marret ghand l-esponent it-tieni darba huwa **<u>kontradett minn ommha stess</u>**. U dan ghaliex filwaqt li ommha tghid li bghatitha biex iggibilha **'qoffa tas-*souvenirs*'** u fil-fatt gabitilha l-istess (a fol. 206), l-istess minuri tghid li ommha baghtitha ghand l-esponenti biex iggib flixkun inbid. L-esponenti jirrileva illi persuna li tiftakar f'dettall kif suppost kienu mqeghdin l-affarijiet fil-kamra tal-banju meta hi allegatament dahlet fiha darba biss, fuq haga bhal din mhux suppost li jkollha diffikulta biex tiftakarha **sakemm ma tkunx qed tigdeb**. Imma ghal darb' ohra, fl-opinjoni tal-Ewwel Qorti, tali dettalji kienu pjuttost irrilevanti.

Illi, apparti dawn id-diskrepanzi kollha, l-esponent jirrileva illi l-Prosekuzzjoni pproducew bhala xhieda zewg *social workers*, cioe Lara Debattista u Isabelle Farrugia, li xehdu li fir-rakkont ta' dawn l-allegati ncidenti, l-minuri kienet kellmithom **<u>b'mod normali</u>**. Din in-normalita fil-mod kif il-minuri rrakkontat l-allegata storja sehhet ukoll meta hadu l-verzjoni taghha l-Pulizija. Illi l-esponenti jirrileva illi huwa kemmxejn inverosimili, kif tista' tapprezza din il-Qorti, li minuri li tkun ghaddiet minn dawk l-esperjenzi titkellem fuqhom **<u>qisu dak li gara kienet xi haga normali</u>**.

Lara Debattista, a fol. 164, xehdet ukoll li l-familja tal-minuri kienet qieghda tigi segwita mis-*social worker* li kien jahdem fl-*area* tal-Kottonera peress li l-istess familja kellha **<u>problemi ta' droga u finanzi</u>**. Illi meta omm l-istess minuri giet mistoqsija ir-

raguni ghala l-familja taghha kienet qed tigi segwita minn *social worker* din xehdet li l-iskop ghala kien qed jiffolowjahom l-istess *social worker* kien minhabba li kien qed jghinha fuq xi applikazzjoni sabiex tiehu xi post tal-Gvern (a fol. 188). **Illi din il-Qorti hija mistiedna sabiex tikkunsidra sew dan il-fatt u *cioe'* li l-omm hbiet li fil-fatt kellha problemi ta' droga u natura finanzjarja, u dan ghaliex jista' jkun rilevanti hafna ghall-mod kif zvolgiet din l-istorja**. L-esponent huwa tal-opinjoni illi din l-istorja kollha giet inventata bl-iskop li omm il-minuri tiggwadanja xi haga finanzjarja minn dan kollu.

Illi l-minuri tghid li lil ommha dwar dan it-tieni ncident regghet ma qaltilhiex mill-ewwel, izda wara xi tlett ijiem. Omm il-minuri spjegat illi dak iz-zmien hi kienet iktar ma tiflahx milli fuq saqajha. U allura hawnhekk l-esponent jistaqsi '*ghandu mis-sewwa dak li qieghda tghid il-minuri, illi ommha baghtitha ggib flixkun inbid minghand l-esponent* ***meta hija stess ammettiet li kienet fi stat ta' sahha prekarja***.'

Illi hawn l-esponent jistaqsi '*Kieku veru sehh dak li stqarret il-minuri fl-ewwel okkazzjoni, kienet ser terga tmur minghandu?*' Il-fatt li halliet daqshekk perjodu twil biex qalet lil ommha jew lil hbiebha dwar x'kien gara jirrifletti illi dak li qed tghid il-minuri m'ghandux mis-sewwa. Illi l-esponent jirrileva illi hawn ghandna minuri ta' tmien snin u mhux xi tarbija jew xi tifla ta' ftit snin li ghadha ma tafx titkellem. U allura l-esponent ghandu kull ragun ghaliex huwa tal-fehma illi dan kollu sar bi hsieb ulterjuri da parti ta' omm il-minuri.

Lanqas ma jidher li kien rilevanti ghall-Ewwel Qorti illi zewg xhieda okulari tal-allegat tieni incident ma gewx prodotti mill-Prosekuzzjoni. Illi kif jirrakkonta PS 1229, Antoine Cilia, a fol. 93, meta sar l-allegat abbuz it-tieni darba **dan rawh certu G u H**, liema persuni ndikathom l-istess minuri. Iktar minn hekk, l-istess persuni dak il-hin kellmuha u hi qaltilhom x'suppost kien ghamlilha l-esponent, u huma staqsewha: '*Imma int hallejtu?*' u hi wegbithom: '*Ma stajt naghmel xejn*'.

Illi l-esponent jistaqsi **x'zamm lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci lil dawn ix-xhieda, liema xhieda fic-cirkostanzi kienu xhieda okulari ta' dak li suppost gara fit-tarag**. *In oltre* lanqas biss jirrizulta li dawn il-persuni gew mitkellma mill-Pulizija biex

jikkonfermaw dak li kienet qieghda tallega l-minuri. Illi din certament kienet wahda mill-provi l-iktar importanti ghall-Prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha. Madankollu minn dan kollu ma sar xejn u l-esponent ihalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha ghala l-istess ma gewx prodotti.

Illi ghalhekk, l-esponent ghandu kull ragun jissottometti illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni fiha hafna toqob li zgur ma jistghux ihallu f'mohh din l-Onorabbli Qorti dik ic-certezza morali li dak allegat mill-minuri verament sehh.

Illi fl-ahhar u mhux l-inqas, jirrizulta mix-xhieda ta' omm il-minuri, meta mistoqsija jekk hi specifikament qattx wissietha li jekk xi hadd imissha kellha tghidilha, hi wiegbet li dan kienet ghamlitu. Allura l-esponent jissottometti li hija nverosimili li gara l-allegat abbuz, u l-minuri, **<u>minkejja t-twissijiet ta' ommha</u>**, zammet lura ghal xhur shah milli tghidilha x'kien gara, u regghet marret ghand l-esponent qisu ma gara xejn.

Illi, bla pregudizzju ghal dak sottomess aktar 'il fuq, l-esponent ihossu wkoll aggravat bil-piena moghtija lilu. Illi l-esponent illum ghandu 73 sena u kif jirrizulta mill-process ghandu diversi problema ta' sahha relatati mal-qalb. Illi l-Ewwel Qorti ma hadet in konsiderazzjoni xejn minn dan kollu, u dan a differenza ta' piena li nghatat biss ftit granet qabel fil-kawza '***Il-Pulizija vs Emanuele Bonnici***' moghtija mill-istess Qorti kif presjeduta fejn l-istess Qorti hadet konsiderazzjoni tal-eta tal-akkuzat. Pero iktar minn hekk, l-esponent ihossu aggravat bil-piena moghtija *stante* li f'kazijiet hafna iktar gravi minn tieghu, u *cioe'* fejn irrizulta li twettqu r-reati addebitati lili fuq diversi minuri li kienu fil-kura ta' dawk li wettqu dan ir-reat gew moghtija hames u sitt snin prigunerija bhala piena. Dan johloq ingustizzja kbira mal-esponent *stante* li jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti tikkonferma l-htija, xorta wahda r-reati addebitati lilu jimmeritaw piena ferm inqas minn dik inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, datata 7 ta' Dicembru, 2012, fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Joseph Grima***' u ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-qima jitlobha sabiex joghgobha

tvarja u timmodifika s-sentenza appellata, fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonferma in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza *stante* li din inghatat bhala alternattiva tal-ewwel akkuza, tikkonferma in kwantu ma sabiex lill-esponent hati tar-raba' mputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnha, filwaqt li fit-tieni lok thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) mputazzjoni u dan billi tilliberah minnhom u minn kull piena u mputazzjoni, pero f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija fir-rigward tal-ewwel u/jew tat-tieni mputazzjoni, l-esponent bil-qima jitlob li l-piena nflitta tigi varjata b'dan illi l-esponent jinghata piena inqas severa minn dik inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghaliex jishaq illi l-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat tal-korruzzjoni tal-minuri ma jirrizultawx sufficjentement ippruvati u dan meta l-Ewwel Qorti tat kredibilita lill-verzjoni moghtija mill-minuri ghalkemm l-istess kellha diversi nkonsistenzi.

Illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed ighid iswed u l-iehor ighid abjad. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita' f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[1]"

[1] Ibid

Issa ghalkemm il-gudikant li ppresjediet l-Ewwel Qorti ma kellhiex okkazzjoni tisma' lill-minuri tixhed quddiemha *viva voce*, madanakollu kif dikjarat fid-decizjoni mpunjata l-qorti kellha okkazzjoni tara u tqies ir-registrazzjoni awdjo-viziva li saret mill-minuri quddiem l-Ewwel Qorti kif diversament ippresjeduta fejn setghet tosserva l-komportament tal-minuri filwaqt li kienet qed tiddeponi. Mhux biss izda l-Ewwel Qorti strahet ukoll fuq il-konsistenza tal-verzjonijiet moghtija mill-minuri quddiem il-pulizija u l-assistenti socjali meta mqabbla ma' dik moghtija imbaghad fil-qorti.

Illi ukoll f'dan il-kaz, billi l-istqarrijiet tal-imputat gew gustament skartati u dan fid-dawl tad-dottrina u gurisprudenza recenti anke tal-qrati ewropej, sabiex b'hekk illum jikkostitwixxu prova nammissibbli ghaliex rilaxxjati minghajr id-debita assistenza legali, il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni tal-minuri billi l-imputat ezercitat il-jedd tieghu tas-silenzju u ma ddeponiex, u dan kif, jerga jinghad, kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi. B'daqshekk ma jfissirx illi din il-Qorti qieghda titfa' xi htija fuq l-appellant minhabba f'dan il-fatt izda ikollha tillimita ruhha biss ghal provi li hemm fl-atti fejn l-unika prova diretta li tista' tistabbilixxi r-reita' o meno fl-appellanti tinsab unikament fil-verzjoni tal-minuri.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat)*, because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess

biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.[2]"

Ikkunsidrat,

Illi fl-aggravju minnu ntentat l-appellant jibda' biex isib oggezzjoni ghal kredibbilita tal-minuri minhabba r-reazzjoni taghha wara li sehh l-att kriminuz. Dan ghaliex fil-fehma tieghu wara li sehh l-abbuz fil-kamra tal-banju tar-residenza tieghu, dehrlu li l-minuri kellha tipprotesta ghal dak li kien sehh billi tibda tghajjat u twerzaq u mhux wara ssegwieh ghal gewwa l-kcina fejn accettat pasta tac-cikkulata li offrielha.

Illi sfortunatament l-qrati taghna huma ta` spiss rinfaccjati b'dawn it-tip ta' kawzi fejn l-imgieba tal-vittma hafna drabi wara li jkun sehh abbuz isegwi x'aktarx iva milli le dejjem l-istess stil – dak ta' biza', misthija, dwejjaq, diffikulta` biex jistqarr dak li verament jkun sehh, fejn hafna drabi l-vittma tipprova tostor abbuz li tkun ghaddiet minnu.

Illi allura l-Qorti ma tarax illi l-oggezzjoni li jqanqal l-appellant f'dan il-kaz ghandha ssarraf f'xi nuqqas ta' kredibbilita ta' dak li tirrakonta l-vittma. X'aktarx illi l-minuri, li wara kollox kellha biss tmien snin fiz-zmien li sehh l-event kriminuz, tant kienet mahsuba, imbezza' u x'aktarx mahkuma b'sens ta' misthija illi segwiet lill-appellant fil-kcina u ghamlet dak li qalilha hu fejn ukoll wissieha, kif hafna drabi jigri f'dawn il-kazijiet, biex ma tikxef ma' hadd dak li kien sehh.

Illi dwar l-inkonsistenzi l-ohra li l-appellant jirriskontra fil-verzjonijiet li tat l-minuri lil nies ohra fosthom lil ommha u lill-pedjatra Mariella Mangion dwar dettalji li sawwru dan l-incident u li l-Ewwel Qorti qieset bhala minimi u rrilevanti, dawn id-dettalji bl-ebda mod ma jimpingu fuq l-atti ta' *libidine* li sehhew u cioe' it-tokkamenti

---

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008; (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)

li saru fil-partijiet intimi tal-minuri fejn fuq dawn l-atti hemm konsistenzi fil-verzjonijiet kollha.

Illi il-Qorti ezaminat ukoll ix-xiehda ta' Lara Debattista u ta' Isabelle Farrugia li jirrakontaw il-verzjoni tal-fatti moghtija lilhom mill-minuri li ukoll hija konsistenti mar-rakkont li l-minuri taghti fil-Qorti dwar l-eghmil zieni kommess mill-appellant fuqha. Illi ibda biex ghalkemm l-appellant jikkontendi illi dawn iz-zewg professjonisti ighidu li ma rriskontraw ebda sinjali ta' trawma fl-atteggjament tal-minuri meta hija kienet qed tirrakkontalhom dak li ghaddiet minnu, dan mhuwiex minnu billi jiddeskrivu l-attitudni taghha bhala wiehed agitat u ighidu li kienet tidher inkwetata[3]. Anke jekk gratia argomenti, din il-Qorti kellha taccetta dak li qed jafferma l-appellant (li kif inghad huwa kontradett mix-xhieda), dan ma ghandux ifisser illi l-fatti kif imfissra minn din it-tifla ma sehhewx.

Illi l-appellant jilmenta illi meta il-minuri rrakontat dak li sehh lil dawn il-professjonisti hija ssemmi xi fatti li ma tindikahomx imbaghad fix-xiehda taghha jew inkella li taghti xi detall differenti minn dak imsemmi minn dawn ix-xhieda, bhal per ezempju dwar il-fatt jekk werzqietx meta kien qed isehh l-abbuz, jew inkella dwar il-mottiv li wassalha tidhol fir-residenza tal-appellant. Illi din il-Qorti ma tarax illi dawn il-fatti jistghu b'xi mod ixejjnu dak li tixhed il-minuri dwar l-atti ta' zienja kommessi mill-appellant fuqha meta dawn ix-xhieda kif ukoll kull ufficjal tal-pulizija li maghhom l-minuri rrakontat l-att ta' abbuz, jikkorraborraw ezattament dak li tixhed il-minuri fil-qorti. Kollha jindikaw illi l-minuri irrakkontatilhom l-istess fatti meta tkellmet maghhom fuq l-abbuz, liema fatti jerghu jigu rriaffermati minnha meta tixhed. Fuq dawn il-fatti materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kaz hija tibqa dejjem konsistenti.

Dwar it-tieni ncident fejn l-appellant iqies li sehh fit-tarag barra r-residenza tieghu, dan ukoll huwa fatt irrilevanti u mizinterpretat minnu. Dan ghaliex il-minuri tghid illi wara li gabet il-flixkun tal-inbid li ommha bghatitha ggib minghand l-appellant, dan hareg warajha u meta bdiet tiela' it-tarag, presumibbiliment biex tmur tiehu il-

[3] Ara xiehda ta' Isabelle Farrugai a fol.159 u 160. u ta' Lara Debattista a fol.165

flixkun lil ommha, l-appellant mar iwassalha sa nofs it-tarag meta imbaghad sehh l-abbuz.

Illi ukoll ghalkemm id-difiza tallega illi l-familja tal-minuri kellhom xi problemi finanzjarji u allura seta′ kien il-kaz li din l-istorja giet ivvintata sabiex jestorcu l-flus minghand l-appellant, din hija biss allegazzjoni li l-appellant ma jirnexxielux jipprova lanqas fuq bazi tal-possibbli u allura wisq anqas jirnexxielu jikseb il-grad tal-prova mehtiega minnu fil-kamp penali. L-appellant ma iressaqx prova wahda li tindika remotament li l-familja tal-minuri kienu afflitti minn problemi finanzjarji jew ta′ abbuz ta′ droga kif jallega. Kif lanqas iressaq l-inqas prova illi xi membru tal-familja tal-minuri intentaw jestorcu xi flus minn ghandu. Fil-fatt ma jidhirx illi dan il-fatt qatt gie rrappurtat lill-pulizija, li fix-xiehda taghhom la qatt jigu mistoqsija dwar din l-allegazzjoni u wisq anqas jindikaw illi kellhom xi lment fir-rigward minn naha tal-appellant.

Illi anke l-ilment imressaq mill-appellant illi l-Prosekuzzjoni ma pproducietx lil minuri G u H, hbieb tal-vittma biex jixhdu, liema minuri allegatament kienu prezenti meta sehh it-tieni episodju ta′ abbuz, ma jisthoqqlux akkoljiment. Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni ghandha tressaq dawk il-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-imputat u ghandha tressaq l-ahjar prova li jaghti l-kaz biex tissosstanzja l-akkuzi addebitati fil-konfront tal-persuna akkuzata, madanakollu l-prosekuzzjoni mhijiex tenuta li tressaq dawk il-provi li hija tal-fehma li huma rrilevanti ghal kaz. Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi ezaminata mill-gdid ix-xiehda tal-minuri, ma jirrizultalhiex illi hija semmiet illi kien hemm tnejn minn shabha li kienu prezenti ghat-tieni episodju ta′ abbuz. Fuq kollox l-appellant kellu kull dritt iressaq lil dawn il-minuri bhala xiehda in difeza izda jonqos milli jaghmel dan.

Affermati dawn il-fehmiet imsejsa fuq l-atti probatorji, din il-Qorti ma tara illi hemm ebda raguni li tista′ twassalha tiddipartixxi mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li ghamlet mhux biss esposizzjoni tad-dritt guridikament validu izda ukoll apprezzament approffondit tal-provi li kellha quddiemha, li din il-Qorti tara li ma ghandhiex tiddisturba u dan anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula.

Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant iressaq ukoll impunjattiva kontra l-piena nflitta fuqu billi jishaq illi dik ta' erba' snin prigunerija kienet eccessiva. Issa l-appellant gie misjub hati tar-reati mahsuba fl-artikoli 86, 87(1)(g) u 203 tal-Kodici Kriminali, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17. Illi r-reat l-aktar gravi u cioe' dak tal-korruzzjoni tal-minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kien igorr piena ta' bejn tlieta u sitt snin prigunerija biex b'hekk il-piena nflitta ta' erba' snin kienet aktar tqarreb lejn il-minimu. Illi din il-Qorti meta tigi biex tqies jekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz tistax tapplika piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija tenut kont tat-trapass taz-zmien kif ukoll tal-eta' u l-istat ta' sahha tal-appellant, trid izzomm quddiem ghajnejha diversi fatturi.

**"Hu veru .... dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**

**' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**

**Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta ntiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"**

**Dan hu iktar il-kaz meta' skont Leo Page ga citat ikun kaz ta' reat 'so hurtful to the public' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha 'to protect the community' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[4] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[5]"**

Illi din il-fehma abbilment u superjorment imfissra sahansitra hafna snin ilu ghada issib applikazzjoni fil-gurnata ta llum u certament ghal kaz in dizamina. Illi ghalkemm huwa minnu li l-appellant illum huwa ragel anzjan u ukoll il-kundizzjoni ta' sahha tieghu hija wahda prekarja, madanakollu dawn il-fatturi ma jistghux jezonerawh mill-fatt illi huwa, ragel matur ta'kwazi sebghin sena, abbuza f'iktar minn okkazzjoni wahda minn tifla zghira ta' tmien snin.

Maghdud dan allura il-Qorti tqies illi l-piena inflitta fuq l-appellant kienet wahda gusta u fil-parametri tal-ligi u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata kkonfermata fl-intier taghha.

Taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi tenut kont tal-eta' avvanzata tal-hati u tal-istat ta' sahha tieghu, huwa jigi detenut fil-Sezzjoni Forensika tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li jinghata l-kura medika li jenhtieg.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

---

4 Il-kaz kien jitratta fost akkuzi ohra il-korruzzjoni ta' minorreni)

5 Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino hawn fuq iccitat

Joyce Agius

Deputat Registratur